# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 112/2021 TA**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**Vs**

**Michael Chetcuti (Karta tal-Identità numru 74185M)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-HSBC Bank Malta P.l.c (Is-Soċjeta' Attriċi) tad-9 ta' Frar 2021, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. ''Illi in forza ta' kuntratt tad-29 ta' Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenut Michael Chetcuti konsistenti f'self tat-tip MaxiCredit fis-somma ta' mija u ħamsa u għoxrin elf ewro (€125,000.00) u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata 15 ta' Marzu 2010 (kopja tal- kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B);

2. Illi l-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond it-termini u l-kundizzjonijiet kemm tal-istess sanction letter kif ukoll tal-kuntratt ta' self relattiv;

3. Illi fuq dan is-self il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' mija u sebgħa u ħamsin elf u mija u disgħa u tletin ewro, u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€157,139.47), dovuta in kwantu għal mija u ħdax-il elf, tmin mija u disgħat ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€111,809.27) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti ħamsa u erbgħin elf, tlett mija u tletin ewro u għoxrin ċenteżmu (€45,330.20) bħala imgħax ikkalkulat sat-22 ta' Jannar 2021 (Dok. C), oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-23 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi permezz ta' ftehim iffirmat fit-3 ta' Mejju 2013 il-Bank attur ikkonċeda facilità bankarja oħra lill-konvenut konsistenti f'self ieħor (Personal Term Credit Agreement facility) fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000.00) (kopja tal-ftehim annessa bħala Dok D);

5. Illi anki fuq dan il-kont, il-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tal-ftehim u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond it-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess ftehim;

6. Illi fuq dan is-self il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis- somma ta' tnejn u tletin elf, tlett mija u sitta u disgħin ewro, u sitta u ħamsin ċenteżmu (€32,396.56), dovuta in kwantu għal tnejn u għoxrin elf, mitejn u disgħa u ħamsin ewro u tletin ċenteżmu (€22,259.30) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti għaxart elef, mija u sebgħa u tletin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€10,137.26) bħala imgħax ikkalkulat sat-22 ta' Jannar 2021 (Dok. E), oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-23 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv;

7. Illi l-konvenut, għalkemm interpellat diversi drabi biex iħallas l-ammonti dovuti minnu fuq iż-żewġ kontijiet fuq imsemmija, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 25 ta' Settembru 2018 li ġġib in-numru 3363/2018 (Dok. F), baqa' inadempjenti;

Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

i. Tiddikjara illi l-konvenut Michael Chetcuti m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-benefiċċju taż-żmien;

ii. Tiddikjara li l-istess konvenut huwa debitur tal-Bank attur fis-somma globali ta' mija u disgħa u tmenin elf, ħames mija u sitta u tletin ewro, u tliet ċenteźmi (€189, 536.03) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-23 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' mija u disgħa u tmenin elf, ħames mija u sitta u tletin ewro, u tliet ċenteżmi (€189, 536.03), bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-23 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 25 ta' Settembru 2018 u tal- mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas- subizzjoni''.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Michael Chetcuti (il-konvenut) tat-22 ta' Marzu 2021, li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa is-segwenti:

1. ''Illi fir-rigward s-self konċess skont l-kuntratt tad-29 ta' Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa l-ammont mitlub ma huwiex dovut u dan:

   i. L-ewwel għax r-rikorrenti ma adempiex mal-kondizzjonijiet u stipulazzjonijiet hemm kontenuti senjatament li l-eċċipjenti għandu jiġi nterpellat b'ittra uffiċjali u wara jingħata ħmistax-il-jum għall-pagament u għalhekk għadu jgawdi mill-benefiċċju tat-terminu għax kif jingħad "all rights appertaining to the Bank shall be exercisable and all security shall become enforceable, provided that the Bank shall grant the Borrower fifteen (15) days from the notification of a judicial letter advising the Borrower that he is in default and requesting him to regularize his deficiency. After the lapse of the said fifteen (15) days the borrower shall lose the benefit of any time granted to him for payment and this without the necessity of any other proceedings."

   ii. It-tieni għax r-rata tal-imgħax ma hiex komputata sew kif ukoll li l-imsemmija rikorrenti fl-12 ta' Novembru 2013 żiedu r-rata tal-imgħax minn 4.75% għal 5.75% u fis-7 ta' Mejju 2019 minn 5.75% għall-8% mingħajr ma avżaw debitament jew ġiebu l- kunsens tiegħu.

   iii. It-tielet r-rikorrenti kellhom għad-disposizzjoni tagħhom d-disposizzjoni tas-sub-artikolu (b) tal-artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Civili Kapitolu 12 tal- Liġijiet ta' Malta li ma għamlux użu minnu b'żieda konsiderevoli fl-ispejjeż għad-detriment tal-eċċipjenti.

2. Illi fir-rigward l-faċilita konċessa tas-somma ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000).

Fl-ewwel lok n-nullita tal-obbligazzjoni billi ma jidherx li hemm rabta kontratwali għax l-partijiet ma ffirmawx ftehim u l-istess rikorrenti pproċedew b'ittra uffiċjali eżekuttiv (num 156/18) fl-istess jum tal-25 ta' Settembru 2018 proprju biex jottjenu titolu esekuttiv ai termini tal-liġi.

Fit-tieni lok d-diskrepanza fl-ammont mitlub u dak li huwa atwalment dovut u dan naxxenti għax skont l-imsemmija ittra uffiċjali u dak presentat mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom.

B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra skont l-liġi.

Bl-ispejjes u r-rikorrenti huma nġunti għas-subizzjoni".

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża.

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat in-nota ta' riduzzjoni fl-ammonti presentata mis-Soċjeta' Attriċi, fit-2 ta' Frar 2023.

Rat in-nota tal-konvenut tat-23 ta' Frar 2023 li biha ammetta t-talbiet Attriċi.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Fis-sewwa, fid-dawl tan-nota ta' ammissjoni tal-konvenut din il-Qorti ma għandha ebda triq oħra ħlief tilqa' talbiet attriċi u kif ukoll fid-dawl tan-nota ta' riduzzjoni tas-Soċjeta' Attriċi. Għalkemm, saret din in-nota ta' riduzzjoni minħabba t-trapass ta' żmien u l-komputazzjoni tal-imgħaxijiet, is-somma finali telgħet għal mitejn u disgħat elef u erbgħa mija u tmienja u sittin punt dsagħtax tal-ewro (€209,468.19). Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tilqa' it-talbiet Attriċi f'dan l-ammont.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi.**

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** fl-ammont ta' mitejn u disgħat elef u erbgħa mija u tmienja u sittin punt dsagħtax tal-ewro (€209,468.19) bl-imgħaxijiet legali ulterjuri, minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv'.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma msemmija bl-imgħaxijiet legali ulterjuri, minn din is-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-Kawża għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**